



Brussell, 10 ta' Ġunju 2022
(OR. fr)

9894/22

Fajl Interistituzzjonali:
2021/0426(COD)

ENER 281
ENV 576
TRANS 357
ECOFIN 584
RECH 359
CODEC 853
IA 89

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	15088/21 + ADD 1
Suġġett:	Proposta għal DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija (riformulazzjoni) - Rapport ta' progress

I. INTRODUZZJONI

1. Il-Kummissjoni ppreżentat proposta għal reviżjoni tad-Direttiva dwar ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija fil-15 ta' Diċembru 2021. Hija tagħmel parti mill-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni għall-pakkett "Lesti għall-Mira ta' 55 %" u tikkomplementa l-komponenti l-oħra tal-pakkett propost f'Lulju 2021 billi tistabbilixxi l-viżjoni għal stokk tal-bini b'emissjonijiet zero sal-2050, u hija element ewlieni tal-Istrateġija "Mewġa ta' Rinnovazzjoni għall-bini" ppubblikata f'Ottubru 2020. Barra minn hekk, il-Kummissjoni ppubblikat il-pjan REPowerEU fit-18 ta' Mejju 2022.

2. Din id-Direttiva hija strument leġiżlattiv ewlieni biex jintlaħqu l-miri tad-dekarbonizzazzjoni stabbiliti għall-2030 u l-2050. Il-proposta hija partikolarment importanti minħabba li, fil-livell tal-Unjoni, il-bini jirrappreżenta 40 % tal-enerġija kkonsmata u 36 % tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra diretti u indiretti relatati mal-enerġija. Għalhekk, hija waħda mil-lievi meħtieġa biex il-Mewġa ta' Rinnovazzjoni tiġi implimentata b'miżuri konkreti ta' regolamentazzjoni, ta' finanzjament u ta' għoti tas-setgħa bil-għan li tal-inqas tirdoppja r-rata annwali tar-rinnovazzjoni enerġetika tal-bini sal-2030 u jiġu inkoraġġuti rinnovazzjonijiet profondi. Din ir-reviżjoni għandha tikkontribwixxi wkoll għall-implimentazzjoni tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida u għan-newtralità karbonika fil-qasam tal-bini.
3. Novità ewlenija tar-reviżjoni hija l-introduzzjoni tal-istandards minimi tar-rendiment fl-użu tal-enerġija biex tiġi skattata t-trasformazzjoni meħtieġa tas-settur, u dan b'mod partikolari għall-bini bl-aġġar rendiment.
4. L-eżami tal-proposta ta' hawn fuq mill-Parlament Ewropew ġie assenjat lill-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija (lir-rapporteur Irlandiż tal-Grupp tal-Ħodor, Ciarán Cuffe). Fil-15 ta' Diċembru 2021, il-Parlament Ewropew adotta riżoluzzjoni fuq l-inizjattiva proprja dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar ir-Rendiment tal-Bini fl-Użu tal-Enerġija. Din ħabtet mal-pubblikazzjoni tal-proposta leġiżlattiva tal-Kummissjoni.
5. L-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar din il-proposta ġiet adottata fit-23 ta' Marzu 2022. L-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni hija mistennija fl-aħħar ta' Ġunju.
6. Dan ir-rapport jippreżenta s-sitwazzjoni attwali u l-kwistjonijiet ewlenin diskussi fil-korpi preparatorji tal-Kunsill. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti u l-Kunsill (TTE - Enerġija) huma mistiedna jieħdu nota ta' dan ir-rapport ta' progress.

II. SITWAZZJONI ATTWALI

7. Il-Grupp ta' Ħidma dwar l-Enerġija eżamina bir-reqqa l-proposta għal Direttiva sa minn Jannar 2022. Il-valutazzjoni tal-impatt u t-test ġew ippreżentati u diskussi fil-25 ta' Jannar u l-10 ta' Frar 2022 rispettivament. Tliet gruppi, fit-3 u l-10 ta' Marzu u fis-7 ta' April, imbagħad kienu meħtieġa jeżaminaw l-artikoli kollha tal-proposta tal-Kummissjoni.
8. Matul dawn il-gruppi ta' ħidma, id-delegazzjonijiet esprimew il-fehmiet tagħhom dwar l-artikoli kollha, b'mod partikolari dwar il-bini b'emissjonijiet żero (ZEBs) u r-rabta tagħhom mal-aċċess għall-enerġija rinnovabbli, dwar l-istandards minimi tar-rendiment fl-użu tal-enerġija (MEPS) u r-rabta tagħhom mal-livelli kostottimali u d-drittijiet tal-proprjetà, u dwar iċ-ċertifikati tar-rendiment fl-użu tal-enerġija, b'mod partikolari fir-rigward tad-definizzjoni tal-klassijiet u l-armonizzazzjoni tagħhom bejn l-Istati Membri.
9. Wara dawn l-iskambji, il-Presidenza kkondividiet mal-Istati Membri l-ewwel verżjoni riveduta, fit-3 ta' Mejju 2022. Din l-ewwel reviżjoni ġiet diskussa fi tliet gruppi ta' ħidma fit-12, is-17 u d-19 ta' Mejju.
10. Mhux ir-riżervi ta' skrutinju kollha tneħħew mill-Istati Membri. L-impatt tal-miżuri proposti, kif ukoll ir-rabtiet mal-proposti l-oħra tal-pakkett "Lesti għall-mira ta' 55 %", għadhom qed jiġu studjati minn xi Stati Membri.

A. Opinjoni ġenerali

11. B'mod ġenerali, l-Istati Membri esprimew appoġġ kostanti għall-miżuri ta' politika għar-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija, u qablu dwar il-benefiċċji multipli tagħhom u r-rwol kruċjali li għandu jkollhom fid-dekarbonizzazzjoni tal-ekonomija Ewropea u l-kisba tal-ambizzjoni klimatika akbar sal-2030 u n-newtralità karbonika sal-2050. Fl-istess ħin, ħafna delegazzjonijiet esprimew dubji dwar il-livell ġenerali ta' ambizzjoni tal-proposta, enfasizzaw il-ħtieġa għal flessibbiltà biex jiġu implimentati l-miżuri ta' politika l-aktar kosteffettivi u enfasizzaw l-importanza tal-ispeċifità nazzjonali f'dan ir-rigward. Filwaqt li approvaw l-oġettivi, id-delegazzjonijiet appellaw ukoll biex il-piż amministrattiv ikun limitat għall-minimu assolut.
12. Mill-perspettiva tal-Presidenza, ħarġu għadd ta' kwistjonijiet ewlenin mid-diskussjonijiet fil-Grupp ta' Ħidma, kif jinsabu fit-taqsimha li ġejja. Dawn l-elementi huma mingħajr preġudizzju għal punti ta' interess speċifiċi mqajma mid-delegazzjonijiet jew għad-diskussjonijiet fil-livell ta' Grupp ta' Ħidma.

B. Suġġetti ewlenin

Bini b'emissjonijiet żero (l-Artikoli 2.2 7 u 9a (l-ewwel verżjoni riveduta) u l-Anness III)

13. Ħafna Stati Membri ddispijaċihom li l-kunċett ta' bini b'emissjonijiet żero ma kienx jinkludi l-enerġija rinnovabbli preżenti fin-networks nazzjonali jew prodotta fil-qrib u xi wħud semmew il-ħtieġa ta' newtralità teknoloġika. L-Anness III, li ppreveda livell limitu tal-konsum tal-enerġija stabbilit mill-Kummissjoni u differenzjat għal kull żona klimatika għal bini b'emissjonijiet żero, ġie rrifjutat minn għadd sinifikanti ta' Stati Membri, kif ukoll l-aġġornament ta' dak l-Anness permezz ta' att delegat. Xi Stati Membri talbu li jiġi estiż il-kalendarju previst. Għadd żgħir ta' Stati Membri talbu kjarifika dwar l-iżvilupp tal-indikatur tal-potenzjal ta' tisħin globali għall-bini (GWP).

14. Il-Presidenza qieset dawn ir-rimarki u għamlet bidliet sostanzjali fil-kunċett ta' bini b'emissjonijiet żero fl-ewwel verżjoni riveduta. Il-Presidenza emendat id-definizzjoni ta' dan il-kunċett, billi ddefinixxiet bini b'emissjonijiet żero bħala bini li jikkonsma ftit enerġija, ma jiġġenerax gassijiet serra fuq il-post bħala riżultat ta' fjuwils fossili u jipproduċi ftit emissjonijiet operattivi ta' gassijiet serra. Hija daħħlet mill-ġdid l-Artikolu 9a li jimponi ċerti rekwiżiti fuq il-konsum tal-enerġija u l-emissjonijiet tal-gassijiet serra f'dan il-bini. Il-formulazzjoni proposta mill-Presidenza tagħti lill-Istati Membri r-rwol li jiddefinixxu l-limiti massimi għall-konsum tal-enerġija tal-bini soġġett għar-rekwiżiti ta' bini b'emissjonijiet żero. It-tabella tal-limiti għall-konsum tal-enerġija skont ir-reġjun, proposta mill-Kummissjoni fl-Anness III, hija għalhekk imħassra u sostitwita bil-kalkolu ta' limitu nazzjonali bl-użu tal-metodu "kostottimali". Ġie introdott limitu għall-emissjonijiet ta' gassijiet serra, li jippermetti li l-emissjonijiet assoċjati mal-konsum tal-enerġija tal-bini jitqiesu matul l-użu u t-tħaddim tiegħu. Il-proposta tal-Presidenza tipprevedi li l-limiti massimi għall-konsum tal-enerġija u l-emissjonijiet ta' gassijiet serra għandhom jiġu indikati fil-pjanijiet nazzjonali ta' rinnovazzjoni.

Il-konsum tal-enerġija jkun kopert bħala kwistjoni ta' prijorità permezz tal-użu ta' enerġija rinnovabbli ġġenerata fil-post minn tisħin u tkessiġ distrettwali effiċjenti jew minn komunitajiet tal-enerġija, dment li dan ikun teknikament u ekonomikament fattibbli.

15. Il-proposta tal-Presidenza ntlagħget tajjeb mill-Istati Membri kollha, bil-maġġoranza l-kbira tilqa' l-flessibbiltà introdotta għalkemm xi uħud esprimew riżervi dwar il-libertà li jiġu stabbiliti l-limiti differenti u r-rekwiżiti inqas stretti dwar l-użu tal-enerġija rinnovabbli. Madankollu, l-Istati Membri baqgħu maqsuma dwar l-adegwatezza li jinkludu l-enerġija rinnovabbli mill-grilji nazzjonali, jew prodotta fil-qrib. Il-Kummissjoni laqgħet il-proposta tal-Presidenza, b'mod partikolari l-introduzzjoni ta' livelli kostottimali u ż-żamma tal-projbizzjoni fuq l-emissjonijiet ta' gassijiet serra fuq il-post minħabba l-użu ta' fjuwils fossili.

Standards minimi tar-rendiment fl-użu tal-enerġija (Artikolu 9)

16. Għadd kbir ta' Stati Membri talbu aktar flessibbiltà u viżibbiltà teknika u ekonomika, għalkemm xi Stati Membri laqgħu l-miżura. Fil-fatt, ġie indikat li jkun diffiċli li l-miżura tiġi implimentata, li l-proporzjon kostijiet-benefiċċji jkun għoli wisq, u li dan joħloq problema fir-rigward tad-dritt għall-proprjetà f'xi Stati Membri. Dawn l-Istati Membri għalhekk talbu li jestendu l-eżenzjonijiet mill-applikazzjoni tal-miżura, jew li jillimitaw l-ambitu ta' bini taxxabbi biss għal bini soġġett għal tranżazzjoni (bejgħ jew kiri). L-Istati Membri esprimew ukoll tħassib dwar l-applikazzjoni ta' penali għas-sidien ta' bini u partijiet ta' bini li ma jikkonformawx mal-istandards minimi tar-rendiment fl-użu tal-enerġija. Xi delegazzjonijiet appellaw għall-implimentazzjoni ta' miżura alternattiva bbażata fuq mekkaniżmu li jippermetti l-iffrankar ta' volum ta' enerġija ekwivalenti, filwaqt li oħrajn appellaw għall-estensjoni tal-iskadenzi. Sa ċertu punt, intalab li l-livelli jiġu stabbiliti mill-Istati Membri nfushom, direttament fil-pjanijiet nazzjonali ta' rinnovazzjoni. Dwar dawn il-punti, il-Kummissjoni fakkret li kien meħtieġ aktar minn qatt qabel li titħaffef ir-rata ta' rinnovazzjoni u li kien meħtieġ li ssir enfasi fuq l-aktar bini li jaħli enerġija, li għalih l-iffrankar tal-enerġija kien l-eħfef. Il-Kummissjoni fakkret ukoll fid-dimensjoni soċjali tal-miżura, peress li ser tnaqqas il-piż tal-konsum tal-enerġija tal-unitajiet domestiċi vulnerabbli.

17. Bi tweġiba għat-talbiet tal-Istati Membri għal flessibbiltà, waħda mill-opzjonijiet possibbli tista' tkun li jiġu emendati l-istandards minimi tar-rendiment fl-użu tal-enerġija biex jikkorrispondu għal-limiti ta' konsum tal-enerġija tal-bini li ma jistgħux jinqabżu wara ċerti dati, aktar milli għal klassi ta' ċertifikat tar-rendiment fl-użu tal-enerġija. L-iffissar ta' dawn il-limiti jista' jitħalla f'idejn l-Istati Membri, bir-restrizzjoni li jagħmluha possibbli li jiġi mmirat ċertu perċentwal tal-istokk tal-bini li għandu jiġi rinnovat, kif stabbilit fid-Direttiva. Dan iżomm ambizzjoni qawwija, definita mill-perċentwali li għandhom jiġu stabbiliti fid-Direttiva, filwaqt li jħalli aktar flessibbiltà lill-Istati Membri biex jistabbilixxu l-lievi tekniċi biex jiksbu dan.

Ċertifikat tar-rendiment fl-użu tal-enerġija (l-Artikoli 16 sa 18)

18. Bosta Stati Membri opponew id-distribuzzjoni imposta għall-klassijiet ta' ċertifikati tar-rendiment fl-użu tal-enerġija, li ħafna drabi huma inkompatibbli mal-iskemi nazzjonali. Xi uħud esprimew dubji dwar id-definizzjoni tal-klassi G, li għandha tikkorrispondi għal 15 % tal-bini bl-aqwar rendiment fl-istokk nazzjonali. It-tnaqqis fil-perjodu ta' validità tal-liċenzji għall-klassijiet aktar baxxi ġie kkritikat minn xi delegazzjonijiet. Xi Stati Membri esprimew tħassib dwar l-evoluzzjoni tal-ispejjeż għaċ-ċertifikati tar-rendiment fl-użu tal-enerġija. Oħrajn esprimew tħassib dwar il-possibbiltà ta' żjarat sistematiċi fuq il-post biex jiġu stabbiliti tali ċertifikati.

19. Wara dawn id-dikjarazzjonijiet, il-Presidenza emendat, fl-ewwel verżjoni riveduta, il-perjodu ta' validità taċ-ċertifikati, sabiex testendih għal għaxar snin. Introduċiet ukoll perjodu tranżitorju ta' tliet snin għal ċertifikati qodma. Dan il-perjodu tqies li kien limitat wisq mill-Istati Membri. Id-distribuzzjoni imposta għall-klassijiet taċ-ċertifikati tar-rendiment fl-użu tal-enerġija ma nbidlitx. Madankollu, seta' kien previst li jitneħħew ir-rekwiżiti għall-kostruzzjoni tal-iskala tal-klassi taċ-ċertifikat tar-rendiment fl-użu tal-enerġija u li tinżamm il-libertà għall-Istati Membri li jistabbilixxu limiti għall-klassijiet differenti, peress li l-miri ta' rinnovazzjoni jistgħu jiġu introdotti indipendentement minn dawk il-klassijiet. Xi Stati Membri esprimew il-ħtieġa li jkunu jistgħu jinkludu l-passaport ta' rinnovazzjoni, previst fl-Artikolu 10, fiċ-ċertifikat tar-rendiment fl-użu tal-enerġija.

Pjanijiet nazzjonali ta' rinnovazzjoni (Artikolu 3)

20. Il-maġġoranza tal-Istati Membri esprimew l-appoġġ tagħhom għal dan l-artikolu. Madankollu, għadd kbir ta' Stati Membri talbu allinjament aħjar mar-Regolament dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija u l-Azzjoni Klimatika, b'mod partikolari bil-ħsieb li jitnaqqas il-piż amministrattiv relatat mal-produzzjoni tad-data obbligatorja speċifikata fl-Anness II. Ftit Stati Membri biss talbu li jerġgħu lura għall-istrateġiji tar-rinnovazzjoni fit-tul ta' qabel.
21. Wara dan il-feedback, il-Presidenza emendat il-proposta tal-Kummissjoni bil-għan li tissimplifika l-produzzjoni tal-pjan ta' rinnovazzjoni mingħajr ma xxekklu filwaqt li timmassimizza s-sinerġiji mal-pjanijiet nazzjonali integrati għall-enerġija u l-klima (NECP). L-Istati Membri kienu favur il-bidliet. Madankollu, xi Stati Membri tennew il-biża' tagħhom li jgħaddu għal metodu ġdid ta' monitoraġġ tal-istokk tal-bini.

Mobbiltà sostenibbli (Artikolu 12)

22. L-Istati Membri appoġġaw b'mod ġenerali d-dispożizzjonijiet il-ġodda iżda appellaw għal aktar flessibbiltà minħabba l-ispejjeż ikkawżati jew il-pass tal-iżvilupp wisq mgħaġġel. L-adattament tar-rekwiżiti għall-bini eżistenti, jew għall-bini eżentat s'issa, issemma b'mod estensiv. Barra minn hekk, xi Stati Membri opponew id-dispożizzjoni li tannulla l-kunsens tas-sid biex jiġi installati stazzjonijiet tal-iċċarġjar.
23. L-ewwel verżjoni riveduta kondiviża mill-Presidenza għamlitha possibbli li tiġi introdotta miżura biex jiġu adattati d-dispożizzjonijiet għar-roti elettriċi u r-roti tal-merkanzija, u biex titnaqqas il-korrelazzjoni bejn l-għadd ta' postijiet għar-roti ma' daww għall-karozzi. Dawn il-proposti rċevew l-appoġġ ta' maġġoranza tal-Istati Membri. Din l-ewwel verżjoni riveduta tinkludi wkoll emendi dwar l-għadd ta' spazji għar-roti u l-eċċezzjoni possibbli għal dawn l-installazzjonijiet u għar-rekwiżit tal-installazzjoni ta' kejbils minn qabel għall-parkeġġi.
24. Minkejja dawn il-bidliet, l-Istati Membri esprimew ħtiġijiet ta' flessibbiltà addizzjonali, b'mod partikolari billi talbu li jkunu jistgħu jadattaw ir-rekwiżiti skont ir-reġjuni. Xi Stati Membri qajmu dubji dwar il-possibbiltà li l-inkwilini jinstallaw stazzjonijiet tal-iċċarġjar fin-nuqqas ta' kunsens mis-sid.

Indikatur tal-potenzjal ta' intelliġenza tal-bini (l-Artikolu 13 u l-Anness IV)

25. Diversi Stati Membri kienu favur it-tħassir tal-abbozz tal-att delegat biex l-indikatur isir obligatorju għas-settur mhux residenzjali. L-Istati Membri fakkru fl-introduzzjoni ta' fażi ta' ttestjar li magħha l-kalendarju propost mill-Kummissjoni ma jkunx kompatibbli.
26. Bi tweġiba għal dawn ir-rimarki, il-Presidenza pproponiet, fl-ewwel verżjoni riveduta, li l-att delegat jiġi adottat bil-kondizzjoni li jinkiseb eżitu pożittiv tal-fażi tal-ittestjar tal-indikatur tal-potenzjal ta' intelliġenza tal-bini. Din il-proposta kienet ġeneralment milqugħa tajjeb.

Finanzjament tas-sistemi tal-fjuwils fossili (l-Artikolu 15)

27. Bi tweġiba għat-talbiet mill-Istati Membri li fakkru fil-kuntest globali attwali u abbażi tal-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tal-24 u l-25 ta' Marzu 2022, li jinkludu l-oġettiv li gradwalment nitbegħdu mid-dipendenza fuq l-importazzjoni tal-gass, iż-żejt u l-faħam Russi, mill-aktar fis possibbli, il-Presidenza mexxiet 'il quddiem id-data minn meta jkun ipprobit li jiġi pprovdut finanzjament pubbliku għall-installazzjoni ta' sistemi tal-enerġija mill-fjuwils fossili.
28. Maġġoranza kbira tal-Istati Membri, kif ukoll il-Kummissjoni, laqgħu l-fatt li din id-data tmexxiet 'il quddiem, għalkemm għad hemm xi reżistenzi.

Kummenti addizzjonali

29. L-Istati Membri talbu ħafna aġġustamenti għall-Artikolu 2, li jelenka d-definizzjonijiet tat-termini użati fid-Direttiva. Wara dawn it-talbiet, l-ewwel verżjoni riveduta proposta mill-Presidenza tallinja ċerti definizzjonijiet mad-Direttivi dwar l-Effiċjenza fl-Enerġija u l-Enerġija Rinnovabbli, li t-tnejn li qed jiġu riveduti bħalissa.
30. L-Istati Membri qasmu t-tħassib tagħhom dwar l-Artikoli 14 u 19 fir-rigward tad-data li jkun obligatorju li tiġi kondiviżi. Il-Kummissjoni indikat li hija ma pprevedietx il-kondiviżjoni ta' data kunfidenzjali, kif ukoll ta' data li d-disseminazzjoni tagħha toħloq riskji għas-sigurtà nazzjonali.
31. Xi Stati Membri talbu li l-iskadenza tat-traspożizzjoni prevista fl-Artikolu 32 tkun ta' sentejn sabiex jiġi limitat il-piż amministrattiv.